MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Numru 216/2015

**Pulizija**

**Spettur Marthese Micallef**

**Vs**

**Emanuel Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Micallef 67 sena, bin Carmelo u Carmela nee’ Chetcuti, mwieled Mosta nhar it-18 ta’ Gunju 1948, residenti 332, Lee ann, Vjal l-Indipendenza, Mosta u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 632148M;

Talli:

1) Fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2012 u l-25 ta' April 2014 fil-fond Alfred Farm, Triq Kostinjuz ta' Budaq Maghtab limiti tan-Naxxar, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal €3,666.44 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;
2) Aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Wara li rat il-verbal ta' llum stess, fejn il-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tirtira l-kwerela kontra l-imputat, stante hlas ghas-saldu;

Din il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------